ALTERNATTIVA DEMOKRATIKA EGM2017

EMENDI STATU PROPOSTI

Emenda numru 1

Fl-artiklu 10 tal-istatut, immedjatament wara l-paragrafu 1, jiżdied is-segwenti :

“1A. Ikun ukoll membru tal-Kumitat Eżekuttiv, kull membru ta’ Alternattiva Demokratika li f’xi żmien ikun okkupa l-kariga ta’ Chairperson.”

Emenda numru 2

Fl-artiklu 10 tal-istatut, immedjatament wara l-paragrafu 4 jiżdiedu s-segwenti paragrafi:

“5. Wara kull Elezzjoni Ġenerali, minkejja dak ipprovdut fl-artiklu 6 ta’ dan l-istatut, il-Kumitat Eżekuttiv itemm il-mandat tiegħu. Għal dan l-iskop ikun hemm l-obbligu tal-Kumitat Eżekuttiv li tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja fi żmien tlett xhur mid-data tal-Elezzjoni Ġenerali u dan biex wara li tiddiskuti r-riżultat tal-Elezzjoni Ġenerali teleġġi Kumitat Eżekuttiv ġdid kif ukoll biex tindirizza materji addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa.

6. Iżda jekk it-tlett xhur indikati fil-paragrafu preċedenti jiskadu bejn Il-15 ta’ Lulju u l-15 ta’ Settembru dan il-perjodu ta’ tlett xhur ikun estiż b’mod li l-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tkun tista’ issir iktar tard imma mhux wara l-15 t’Ottubru.

7. Minkejja dak li jipprovdi dan l-istatut, il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja jkollha s-setgħa li tiddetermina l-perjodu li jista’ jservi l-Kumitat Eżekuttiv, permezz ta’ riżoluzzjoni approvata bil-qbil ta’ maġġoranza sempliċi ta’ dawk preżenti. Dan jinkludi l-possibiltá li tali Kumitat Eżekuttiv iservi għal perjodu li jkun itwal minn sena.”

**Mozzjoni tranżitorja**

Din il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tirrisolvi li, in konformita mal-emendi għall-istatut li ġew approvati iktar kmieni :

1. Il-Kumitat Eżekuttiv magħżul illum iservi sal-elezzjoni tal-Parlament Ewropew li huma skedati li jsiru f’Mejju 2019,
2. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali li jmiss, issir mhux iktar tard mill-15 t’Ottubru 2019,
3. Il-ħatra tal-awditur li diġa saret mil-Laqgħa Ġenerali Annwali f’Marzu 2017 biex tkopri l-verifika tal-kontijiet ta’ Alternattiva Demokratika għas-sena 2017 tkun estiża biex tkopri ukoll il-verifika tal-kontijiet tas-sena 2018 u
4. li l-Kumitat Eżekuttiv ikun awtorizzat li jgħaddi lill-Kummissjoni Elettorali r-rapport finanzjarju vverifikat għas-snin 2017 u 2018 fil-perjodu rikjest mil-liġi u dan minkejja li ma jkunx għad hemm l-approvazzjoni ta’ dawn ir-rapporti mill-Laqgħa Ġenerali Annwali.